REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/580

tal-14 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet assoċjati mar-reġim tal-eks President Saddam Hussein koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi u bi projbizzjoni fuq li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli.

(2) Fid-9 ta' Marzu 2023, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi żewġ persuni fiżiċi mil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-assi.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Id-Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

ANNESS

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati li ġejjin:

"30. **ISEM: Ayad Futayyih Khalifa Al-Rawi**

DATA U POST TAT-TWELID: Circa 1942, f'Rawah

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKOND IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Kap Kmandant responsabbli mill-Forza Quds bejn l-2001 u l-2003;

ex-Gvernatur ta' Baghdad u ta' Ta'mim"

"43. **ISEM: Humam Abd-al-Khaliq Abd-al-Ghafur**

MAGĦRUF BĦALA: Humam 'Abd al-Khaliq 'Abd al-Rahman;

Humam 'Abd-al-Khaliq Rashid

DATA U POST TAT-TWELID: 1945, Ar-Ramadi

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Ministru tal-Edukazzjoni Għolja u tar-Riċerka bejn l-1992 u l-1997 u bejn l-2001 u l-2003;

Ministru tal-Kultura bejn l-1997 u l-2001;

Direttur u Viċi Direttur tal-Organizzazzjoni tal-Iraq dwar l-Enerġija Atomika fis-snin tmenin;

PASSAPORT: 0018061/104, maħruġ fit-12 ta' Settembru 1993"